MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 567/1995/1

**Aaron Bartolo**

**vs**

**Anthony Vella f'ismu proprju u l-istess Anthony Vella u Paul Vella bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Swaey Brothers Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fl-ismijiet fuq indikati datata l-25 t'April, 1995, li permezz taghha l-attur Bartolo sintetikament espona s-segwenti:

1. Illi hu kien involut f'incident fuq il-post tax-xoghol u waqt il-hin tal-istess impjieg tieghu, l-Erbgha, 13 t'April, 1994, sofra lezjoni gravi u permanenti;
2. Illi l-incidenti imsemmi sehh minhabba negligenza tal-konvenuti, jew min minnhom;

3. Illi l-attur qed isofri minn spejjez ta' kura u medicinali, *oltre* spejjez ohra;

4. Illi ghalkemm sejjah lill-konvenuti biex jersqu ghall-likwidazzjoni u halas ta' danni involuti, baqghu inadempjenti;

5. Illi konsegwentement aderixxa din il-qorti u qed jitlobha:

i. Tiddikjara li l-incident soffert minnu fuq riferit sehh b'rizultat ta' negligenza tal-konvenuti, jew min minnhom;

ii. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'rizultat tal-incident fuq riferit u dan, anke permezz ta' periti nominati;

iii. Tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur l-ammont hekk likwidat;

iv. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kif mitlubin fic-citazzjoni promotrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fuq indikati datata l-20 ta' Gunju, 1995, li permezz taghha ssottomettew sintetikament is-segwenti:

1. Illi preliminarjament, il-konvenut Anthony Vella *proprio* mhux il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attur;

2. Illi bla pregudizzju ghas-su espost, it-talbiet attrici kwantu diretti lejn is-socjeta` konvenuta fuq indikata, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi din is-socjeta` ma tahti xejn ghall-incident *de quo*;

3. Illi l-eccipjenti nomine m'humiex responsabbli u allura, m'humiex passibbli ghal hlas ta' danni lill-attur, stante li l-lezjonijiet permanenti lamentati

ma kinux il-konsegwenza tal-incident *de quo* imma ta' dijanjosi u terapija skorretta moghtija lill-attur;
4. Illi hu ghalhekk indikat li ghandhom jigu kjamati in kawza l-persuni li intervenew medikament fuq l-attur;

Rat l-avviz datat it-23 ta' Novembru, 1995, fejn permezz tieghu il-kawza giet assenjata lill-istess qorti diversament preseduta, (ara fol 16);

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-13 ta' Jannar, 1997, li permezz tieghu hatret espert mediku u espert legali hemm indikati biex jiehdu konjizzjoni tal-process u jirrelataw, (ara fol 37);

Rat id-digriet ulterjuri tal-istess qorti diversament preseduta datat it-23 ta' Frar, 1998, li permezz tieghu, wara l-appozitu rikors iddekretat li tahtar ukoll perit tekniku ulterjuri ghall-iskop hemm indikat biex dan jassisti lill-perit legali fil-qadi ta' dmirijietu, (ara fol 75);

Rat id-digriet datat il-25 ta' Gunju, 1998, li permezz tieghu wara talba appozita, issostitwiet lill-espert tekniku precedentement minnha appuntat, (ara fol 79);

Rat id-digriet taghha datat is-27 ta' Marzu, 2000, li permezz tieghu, l-istess qorti diversament preseduta issostitwiet ukoll lill-espert mediku minnha precedentement nominat, (ara fol 86);

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat id-9 ta' Dicembru, 2009, li ghar-raguni hemm indikata, iddifferiet il-kawza *sine die*, (ara fol 144);

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-5 ta' Mejju, 2010, li permezz tieghu, wara l-appozita talba da parti tal-attur, irriappuntat il-kawza ghall-kontinwazzjoni, (ara fol 146);

Rat il-verbal datat id-9 ta' Dicembru, 2010, fejn jirrizulta li l-perit legali halef ir-relazzjoni tieghu, (ara fol 154);

Rat il-verbal taghha, kif issa preseduta, datat is-27 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu jirrizulta li l-perit tekniku kkonferma l-ezattezza tar-relazzjoni in dizamina, (ara fol 309);

Rat il-verbal taghha datat il-5 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu awtorizzat lill-kontendenti biex jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet fit-termini hemm stipulati;

Rat in-nota attrici datata s-6 ta' Gunju, 2012, (ara fol 312);

Osservat li hadd mill-partijiet m'ottempora ruhu mal-verbal *de quo*;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentant legali tal-attur, b'dak tal-konvenuti jaghzel li ma jitrattax;

Ikkunsidrat:

Illi l-periti fuq indikati rrelataw sintetikament bil-mod segwenti:

A. Il-Perit Mediku:

1. Illi l-attur Bartolo sofra ferita f'sebghu z-zghir t'idu x-xellugija;

2. Illi l-istess attur ma sofra l-ebda ksur t'ghadam;

3. Illi in konsegwenza ghall-imsemmi incident l-attur Bartolo qed isofri:

i. Nuqqas ta' sensazzjoni f'sebghu z-zghir fuq riferit;

ii. Illi qed isofri wkoll minn sensittivita` kbira fuq ic-cikatrici rizultanti mill-istess incident;

iii. Illi qed isofri wkoll minn xi ftit nuqqas ta’ sahha ta’ natura dubja fi driegh ix-xellugi tieghu;

iv. Illi konsegwenza tal-istess, l-attur allura gie ritenut li qed isofri minn dizabilita` permanenti ta’ 3%, (ara fol 160);

B. Il-Perit Mekkaniku:

1. Illi ma jistax jindika bi precizjoni kif u ghaliex l-attur Bartolo sofra l-ferita fuq indikata minhabba l-incident *de quo*;

2. Illi kien ikun ahjar kieku l-istess attur kien liebes ingwanti adegwati biex jespleta x-xoghol li kien qed jaghmel fil-hin tal-incident;

3. Illi pero`, jafferma li anke kieku libes l-ingwanti, l-attur xorta kien isofri d-danni minnu sofferti – ghalkemm, mhux daqstant gravi;

4. Illi l-attur jista’ jigi skolpat stante li ma setax jipprevedi l-konsegwenzi t’eghmilu minhabba n-nuqqas t’esperjenza;

5. Illi bhala diretturi t’esperjenza, l-konvenuti nomine kellhom id-dover li jiehdu l-prekawzjonijiet mehtiega biex jittutelaw l-inkolumita` tal-attur;

6. Illi tenut kont tas-su espost, il-parti l-kbira tat-tort ghandha taqa’ taht ir-responsabbilita` tas-socjeta` konvenuta, (ara fol 263);

C. Il-Perit Legali:

1. Illi z-zarmar tal-boltijiet in dizamina seta’ biss isir minn tnejn (2) minn nies;

2. Illi ghalkemm dawn il-boltijiet kienu qed jigu hekk zarmati, meta gew biex izarmaw l-ahhar

wiehed, sehh l-incident *de quo* fejn rizultat tal-istess, l-istruttura nizlet b'sabta;

3. Illi jirrizulta assodat li kieku l-attur kien liebes ingwanti protettivi adegwati xorta kien iwegga' – ghalkemm mhux daqs kemm fil-fatt irrizulta;

4. Illi l-attur ma setax jipprevedi l-konsegwenzi ta' eghmilu;

5. Illi kkonkluda bil-mod segwenti:

i. Illi ghandha tigi milqugha t-talba tal-attur Bartolo;

ii. Illi d-danni sofferti mill-attur Bartolo jammontaw ghal sebat elef mija u sitta u sebghin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu, (€7,176.26);

iii. Illi l-ispejjez medici sofferti mill-attur fuq indikat kawza tal-incident *de quo* jammontaw ghal mitejn u sittax –il Ewro u disa' u sittin centezmu, (€216.69);

iv. Illi l-attur ghandu wkoll jinghata l-ispejjez legali;

Ikkunsidrat;

Illi filwaqt li a skans ta' ripetizzjoni inutili din il-qorti taghmel referenza ghall-konkluzjoni tal-istess perit legali fuq riferit, (ara fol 278-280), u fid-dawl tal-kazistika hemm riferita, u tal-analizi fattwali espost mill-imsemmija esperti nominati, din il-qorti qed tiddikjara li qed tistrieh fuq l-imsemmija konkluzjonijiet fuq sintetikament esposti u filwaqt li taghmel taghha dawn il-konkluzjonijiet, tiddikjara s-segwenti:

Illi in vista tal-premess qed tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti *proprio et nomine*, u konsegwentement, stante li l-allegazzjonijiet tal-attur

Bartolo gew debitament ipprovati skont il-ligi kif fuq espost, takkolji t-talbiet tal-attur u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-incident datat it-13 t'April, 1994, li kagun tieghu l-attur Aaron Bartolo sofra l-lezjonijiet gravi u permanenti fuq indikati, sehh tort u htija tal-konvenuti Anthony Vella f'ismu proprju u l-istess Anthony Vella u Paul Vella bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Swaey Brothers Limited;

2. Tillikwida d-danni komplessi sofferti mill-attur fuq indikat kagun ta' l-istess incident fl-ammont ta' sebat elef, tlett mija u tnejn u disghin Ewro u hamsa u disghin centezmu, (€7,392.95);

3. Tikkundanna lill-konvenuti *proprio et nomine* fuq indikati biex ihallsu lill-attur fuq riferit is-somma hekk likwidata;

4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif mitluba fic-citazzjoni promotrici kontra l-imsemmija konvenuti *proprio et nomine* sad-data tal-effettiv pagament.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------